# TLIET ISQFIJIET AGOSTINJANI LI GHAMLU ĠIEH

### MINN PATRI SERAFIN BORG, AGOSTINJAN

**TLETT ulied spiritwali ta' Santu Wistin, jibqgħu magħrufa għall-ħidma pastorali tagħhom, mibnija u mwettqa b'dehen, għaqal, prudenza u qlubija fid-Djoċesijiet rispettivi.**

Dawn kienu l-Isqfijiet Monsinjur Fra Pawlu Micallef Arċisqof ta' Pisa fl-Italja, Monsinjur Fra Gejtanu Pace Forno Arċisqof ta' Malta u Monsinjur Fra Gwanni Marija Camilleri Isqof ta' Għawdex.

L-isem tagħhom jibqa' jissemma' fil-Provinċja Agostinjana Maltija, fl-Ordni Agostinjan u fid-Djoċesijiet rispettivi tagħhom.

## MONSINJUR FRA. PAWLU MICALLEF (1818-83)

Twieled il-Belt, Valletta fil-15 ta' Mejju 1818 minn Franġisk Saver u Marija mwielda Sant. Fl-1833 ħaddan l-Ordni ta' Santu Wistin, u fl-1839 għamel l-istudji tiegħu ġo Ruma u ordna saċerdot.

Għallem il-filosofija u t-teoloġija f'diversi kunventi Agostinjani, fl-Italja. Kien Professur tad-Dommatika fis-Seminarju ta' Matelica, fis-sena 1851. Okkupa kariga għolja bħal dik ta' Vigarju Generali ta' l-Ordni Agostinjan u fl-1856 inħatar Ġeneral ta' l-istess Ordni.

Wara, il-Papa għażlu bħala Isqof tal-Belt ta' Castello, l-Italja u fl-10 ta' Jannar 1864 ġie kkonsagrat Isqof fil-knisja ta' Santu Wistin, Ruma.

Billi kien Malti ma setax jieħu l-pussess, għaliex il-Gvern ma kienx favur il-ħatra tiegħu ta' Isqof.

Billi d-Djoċesi ta' Għawdex kienet vakanti, minħabba l-mewt ta' l-Isqof Monsinjur Mikiel Buttigieg, fl-1866, il-Papa ħatru bħala Amministratur Appostoliku għal Għawdex.

Ħadem fid-Djoċesi ta' Għawdex. Fit-3 ta' Novembru 1866 inawgura s-Seminarju ta' Għawdex, daħħal it-tifsir tal-katekiżmu u fl-1866 ikkonsagra l-knisja parrokkjali tan-Nadur.

Fl-istess sena Monsinjur Micallef ġie msejjaħ biex imexxi il-Djoċesi tiegħu ta' Castello. Wara l-mewt ta' l-Isqof Singlau ta' Borgo S. Sepolcro, il-Papa afdalu f'idejh ukoll dik id-Djoċesi.

B'għaqal mexxihom it-tnejn u ġibed fuqu s-simpatija ta' kulħadd. Monsinjur Pawlu Micallef kien magħruf u miżmum bħala għalliem fit-teoloġija. Kien

imħarreġ sewwa fit-teoloġija u fit-8 ta' Diċembru 1869, inħatar bħala Membru tal-Kummissjoni għar-Reiġjużi fil-Konċilju Ekumeniku Vatikan I. Kien tkellem dwar l-Infallibilta' tal-Papa fl-istess Konċilju

Fil-Konċistoru tas-27 ta' Ottubru 1871, Monsinjur Micallef inħatar Arċisqof ta' Pisa. Wara, minħabba l-mard li ħakmu, il-Papa Ljun XIII laqa' t-talba tar-riżenja u tah Koadjutur.

Monsinjur Micallef kien Ragħaj magħruf għat-tjubija, qdusija u għerf tiegħu. Ħalla din l-art fit-8 ta' Marzu 1883 fil-Belt ta' Pisa u ndifen fid-Duomo ta' l-istess Belt.

## MONSINJUR FRA GEJTANU PACE FORNO (1807-1874)

Twieled fil-5 ta' Settembru 1807, mill-Avukat Franġisk Pace Forno u Marija dei Baroni Forno minn Palermo, ir-Rabat Għawdex. Ħaddan l-Ordni Agostinjan fil-25 ta' Awissu 1824. Ordna saċerdot fit-22 ta' Settembru 1832, f'Napli.

Sas-sena 1847 wera l-ħila tiegħu fit-tagħlim tat-teoloġija bħala għalliem f'xi kunventi fl-Italja. Inħatar Provinċjal fil-Kapitlu Ġenerali ta' Ruma, fit-30 ta' Mejju 1847. Kien mexxej serju, ħanin u ta' dixxiplina. Fl-1848 waqqaf u nawgura l-iskola b'xejn ta' Santu Wistin, il-Belt, Valletta, opra li giet imfaħħra u approvata minn kulħadd. Ħadem biex din l-iskola timxi 'l quddiem u mexxiha b'ħila u prudenza. Illum din l-iskola nbidlet u saret iġġib l-isem tal-Kulleġġ ta' Santu Wistin, Pieta', Malta.

Wara, ġie magħżul Isqof-Kuġitur ta' l-Isqof Monsinjur Sant. Dan seħħ fil-25 ta' Settembru 1857 u kkonsagrat Isqof fil-knisja ta; Santu Wistin, f'Ruma, fl-4 ta' Ottubru 1857. Fit-3 ta' Diċembru 1857, Monsinjur Fra Gejtanu Pace Forno ħa t-tmexxija tad-Djoċesi ta' Malta u Għawdex. Għamel 17-il sena bħala Arċisqof ħabrieki u qalbieni, u serju. Ikkonsagra għadd ta' knejjes u kiseb diversi privileġġi lil xi knejjes.

Kien u jibqa' bħala benefattur tal-knisja parrokkjali tal-Ħamrun, iddedikata lil San Gejtanu, il-Qaddis tal-Providenza. Kellu mħabba u qima lejn dan il-Qaddis li tiegħu kien iġib ismu.

Kien fiż-żmien ta' l-episkopat tiegħu li sema' l-appelli tal-poplu li kien dejjem qiegħed jikber biex ikollu tempju li jixraqlu fil-lokal tal-Ħamrun u flimkien mal-Gvernatur Grant waslu biex ħadu l-art mingħand l-Imħallef Conti f'Diċembru 1868, imbagħad f'Gunju 1869 sar it-tberiek ta' l-Ewwel Ġebla.



**Mons. Micallef**



**Mons. Pace Forno**



**Mons. Camilleri**

Wieħed ikun qiegħed jonqos jekk ma jsemmix il-ħeġġa li kellu biex jara din il-knisja lesta, billi kien il-kontributur ewlieni kemm finanzjarjament kif ukoll f'Opri ta' Arti bħalma huwa it-Titular, pittura tal-Kav. Pietro Gagliardi, l-Altar Maġġur ta' l-irħam fin kif ukoll il-presbiterju ta' l-irħam li ma kellux ix-xorti, għad li ħallas għalihom, jarahom kollha f'posthom dakinhar tat-Tberik tal-Knisja iddedikata lil San Gejtanu, għax il-Mulej sejjaħlu fi ħdanu.

L-Armi li hemm fil-faċċata tal-knisja, fl-art fil-kursija kif ukoll fil-pittura tat-Titular huma tifkira ta' l-imħabba li kellu lejn dan it-tempju l-Arċisqof Fra Gaetano Pace Forno.

## MONSINJUR GWANNI M. CAMILLERI (1834 - 1925)

Monsinjur Gwanni M. Camilleri twieled fil-Belt Valletta fil-15 ta' Marzu 1834 minn Ġużeppi u Karmena mwielda Borg. B'imħabba libes il-libsa agostinjana fid-29 ta' Lulju 1859. Kien l-Isqof Agostinjan Gejtanu Pace Forno li ordnah saċerdot fil-21 ta' Diċembru 1867.

Imżejjen b'intelliġenza u miġbud għall-istudju tal-filosofija u t-teoloġija, fl-1870 għamel l-eżami ta' Lettur f'Ruma. Inħatar għalliem tat-teoloġija Dommatika u Morali f'Bracciano fl-Italja. Lura Malta fl-1873 għallem l-istudenti Agostinjani u fl-1875 sar Reġġent ta' l-istudji. Laħaq Majjistru tat-Teoloġija fl-1880 u fl-istess sena ġie magħżul Provinċjal. Erba' snin wara issejjaħ Ruma bħala Professur tat-Teoloġija Morali fil-Kulleġġ Internazzjonali ta' Santa Monika.

F'Ruma afdawlu x-xogħol li jeżamina l-kostituzzjonijiet ta' l-Ordni u fis-sena 1888 ġie magħżul bħala Consultore della S. Congregazione dei Vescovi e Regolari. B'ħila kbira iddefenda t-tagħlim ta' Santu Wistin, it-tagħlim tal-grazzja, kontra l-Abbati Rohrbacher.

Il-Papa Ljun XIII ħatru Isqof ta' Għawdex fil-11 ta' Frar 1889 u ġie kkonsagrat isqof fil-knisja ta' Santu Wistin, Ruma. Fit-30 ta' Marzu 1889 ħa l-pussess tad-Djoċesi Għawdxija u fl-istess sena għamel l-Ingress Solenni fil-Kattidral ta' Għawdex.

Monsinjur Camilleri ikkonsagra għadd ta' knejjes, għolla għall-ġieħ ta' parroċċa diversi knejjes, żejjen b'unuri lil diversi parroċċi iżda l-aqwa opra tiegħu hija l-opra Marjana, meta qiegħed l-ewwel ġebla tas-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Kien devot tagħha u ħadem biex il-qima lejn il-Madonna tikber u tissaħħaħ.

Ta għamla ġdida u aħjar lis-Seminarju ta' Għawdex u għamel is-Sinodu li kien meħtieġ fid-Djoċesi. Huwa kien missier spiritwali twajjeb iżda sod. Kien oratur ta' polz qawwi u studjuż ta' l-opri ta' Santu Wistin. L-omeliji tiegħu mibnija fuq it-tagħlim ta' l-Isqof ta' Ippona huma minjiera ta' għerf u qdusija. Hu wieħed mill-aqwa mistiċi Agostinjani fl-Ordni Agostinjana.

B'għaqal, dehen, qlubija u prudenza mexxa d-Djoċesi ta' Għawdex għal 35 sena. Ħalla t-tmexxija tad-Djoċesi fl-1924 minħabba l-eta' u mar jgħix fil-kunvent ta' Santu Wistin ir-Rabat Malta. Meta rtira, il-Papa għażlu Isqof Titulari ta' Modena. Kien Prelat Domestiku, Assistent għat-Tron Pontifiċċju u Konti Ruman, Rettur Onorarju taċ-Ċinturati u l-Kanonċi ta' San Lawrenz tal-Birgu kienu ħatruh bħala Kanonku Onorarju fl-1925.

Miet fis-7 ta' Diċembru 1925 fl-eta' ta' 82 sena. Sarlu funeral xieraq u l-ġurnali tkellmu fuq il-ħidma kbira li wettaq bi kliem ta' tifħir.